

Brussell, 9 ta' Lulju 2018  
(OR. en)

10800/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2016/0282/A(COD)**

---

CODEC 1228  
CADREFIN 143  
POLGEN 115  
FIN 534  
INST 269  
FSTR 43  
FC 37  
REGIO 55  
SOC 464  
AGRISTR 49  
PECHE 267  
TRANS 308  
ESPACE 35  
TELECOM 214

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1296/2013, (UE) 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 <b>(l-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fl-14 ta' Settembru 2016, il-Kummissjoni baġtet il-proposta tagħha<sup>1</sup>, abbażi tal-Artikolu 46(d), l-Artikolu 149, l-Artikolu 153(2)(a), l-Artikoli 164, 172, 175, 177 u 178, l-Artikoli 189(2), 212(2) u 322(1) u l-Artikolu 349 TFUE, flimkien mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a, lill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> 12187/16.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2016<sup>2</sup>. Il-Qorti tal-Awdituri tat l-opinjoni tagħha fis-26 ta' Jannar 2017<sup>3</sup>. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Mejju 2017<sup>4</sup>.
3. Fil-5 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>5</sup>.
5. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
  - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 13/18, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
  - jiddeċiedi li jinkludi fil-minuti ta' din il-laqgħa d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota u li jipubblikahom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>2</sup> ĠU C 75, 10.3.2017, p. 63.

<sup>3</sup> ĠU C 91, 23.3.2017, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 306, 15.9.2017, p. 64.

<sup>5</sup> 10551/18.